# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 284 (B'URĠENZA) – It-Tlieta, l-15 ta' Lulju, 2014

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-6.30 p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsilliera Mariette Borg
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### RIŻOLUZZJONI DWAR IL-BINI TA' 12-IL RAZZETT TAL-BAQAR U FAĊILITAJIET OHRA FIŻ-ŻONA TA' SAN NIKLAW QRIB ID-DAR TAL-PROVIDENZA

Is-Sindku qal li nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju kien hemm laqgħa tal-Bord tal-Mepa li fiha iddiskuta l-imsemmija applikazzjoni, u liema bord iddeċieda favur tagħha. Huwa qal li kien preżenti flimkien mad-Direttur tad-Dar tal-Providenza, Fr Martin Micallef. Matul din il-laqgħa s-Sindku semma l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill fosthom ir-riżoluzzjoni li kienet ittieħdet fit-2 ta' Lulju tal-2012. Madankollu, fl-istess laqgħa huwa talab lill-imsemmi bord li jekk fil-kas li jivvota favur, tiddaħħal il-kundizzjoni li l-applikant jagħti kontribuzzjoni għat-tiswija tat-toroq.

Is-Sindku kompla jgħid li sa mill-2007, il-Kunsill kien wera ruħu biċ-ċar u b'mod konsistenti li huwa kontra li dan l-iżvilupp isir fiz-zona ta' San Niklaw, huwa għalhekk kien sejjaħ din is-seduta b'urġenza biex il-Kunsill ikun jista' tiddiskuti l-mozzjoni ippreżentata. Huwa appella biex bħal każijiet importanti oħra, il-Kunsill ikun unanimu fid-deċiżjoni tiegħu. Huwa fakkar li kemm f'din il-materja, kif ukoll f'materji oħrajn simili, il-Kunsilliera warrbu l-opininjonijiet politiċi differenti tagħhom u ħarsu b'mod globali lejn l-interessi komuni tas-Siġġiewi.

Il-Viċi-Sindku qal li jikkonferma dak li kien għadu kif qal is-Sindku, iġifieri li l-Kunsill kien mill-bidu unanimament kuntrarju li dan il-proġett isir fil-lokalità tagħna. Huwa sostna li bħala Kunsill għandnu nibqgħu konsistenti fl-opożizzjoni tagħna għall-imsemmi proġett.

Il-Kunsillier Nikol Cassar qal li dan il-proġett kien inbeda mill-Gvern Nazzjonalista u orġinarjament kienu se jsiru 17-il razzett. Minkejja l-laqgħat u l-mozzjonijiet, ħadd ma tkellem kontrih, tant li n-numru tal-irziezet baqa' ma nbidilx. Huwa kompla jgħid li għandu informazzjoni li n-numru ta' rziezet se jkun ferm iżgħar u mistenni jinżel għal madwar tmienja.

Is-Sindku irrimarka li hu kien attenda għal kull laqgħa li saret u dejjem tkellem kontra dan il-proġett, mill-bidu sal-aħħar. Anki s-Sindku preċedenti kien kontra dan il-proġett. Rigward in-numru ta' rziezet, ma jirriżultax li dan se jinżel, tant li l-applikazzjoni quddiem naqgħet għal tnax-il razzett.

Il-Kunsillier Nikol Cassar kif ukoll il-Kunsillier Jesmond Tanti ilmentaw dwar l-irziezet eżisteni u dwar il-problemi li qed joħolqu.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issuġerixxa li għandna naraw jekk hawnx irziezet simili biex wieħed ikun jista' jkollu idea aħjar ta' kif ġejjin.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issuġerixxa li għandu jingħata aktar żmien biex tiġi studjata l-mozzjoni.

Is-Sindku qal li dwar l-irziezet preżenti, il-Kunsill kemm-il darba irraporta lill-awtoritajiet konċenernati kull ilment li wasal dwarhom. Dwar jekk hawnx irziezet bl-istess standards li qed jiġu ipproponuti dawk ta' San Niklaw, qal li sa fejn jaf hu ma jidhirx li hawn bħalhom. Dwar il-posponiment tas-seduta, is-Sindku qal li huwa importanti ħafna li ssir l-oġġezzjoni tagħna malajar kemm jista' jkun u għalhekk ma jkunx jaqbel li d-deċiżjoni tiġi posposta.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti staqsa jekk humiex ċerti li dawn l-irziezet jagħmlu l-irwejjaħ. Is-Sindku wieġeb li ħadd ma ta garanzija li dawn ma jagħmlux irwejjaħ.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar fakkar fl-importanza nazzjonali ta' dawn l-irziezet speċjalment fejn tidħol il-produzzjoni tal-ħalib frisk.

Wara diskussjoni mill-Kunsilliera, kif ukoll wara li instemgħu l-ilmenti u s-suġġerimenti tal-pubbliku preżenti, is-Sindku ippropona li jkun hemm tibdil u żjidiet fil-mozzjoni, biex tiġi taqra:

"Billi nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju 2014 l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar approvat l-applikazzjoni *outline* bin-numru ta' referenza PA/07823/06 deskritta bħala *Construction of 12 farms and a centralised dairy waste digester and waste conversion facility (WD & WCF)* fiż-żona magħrufa bħala ta' San Niklaw li tinsab fil-limiti tal- lokalità tas-Siġġiewi;

"U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi b'mod unanimu u b'mod konsistenti tkellem kontra u oġġezzjona għall-iżvilupp propost minħabba li dan ser ikollu impatt negattiv fuq il- lokalità tas-Siġġiewi kif imfisser fir-riżoluzzjoni approvata mill-istess Kunsill Lokali tas- Siġġiewi nhar it-Tnejn, 2 ta' Lulju 2012;

"U billi l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għadu jqis u jemmen li l-imsemmi proġett jmur kontra l-interessi tal-lokalità tas-Siġġiewi u għalhekk jemmen li l-ħidma kontra dan il- proġett għandha tkun lil hinn mill-politika u wisq aktar lil hinn mill-politika partiġġjana;

"Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' b'urġenza llum it-Tlieta, 15 ta' Lulju 2014:

"1. Jirriżolvi li jappella mid-deċiżjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' nhar il-Ħamis 10 ta' Lulju 2014 li tapprova l-applikazzjoni *outline* bin-numru ta' referenza PA/07823/06 deskritta bħala *Construction of 12 farms and a centralised dairy waste digester and waste conversion facility (WD & WCF)* fiż-żona magħrufa bħala ta' San Niklaw li tinsab fil-limiti tal-lokalità tas-Siġġiewi;

"2. Jirriżolvi li jwaqqaf grupp ta' azzjoni kontra l-bini ta' 12-il razzett tal-baqar u faċilitajiet b'tankijiet kbar fiż-żona ta' San Niklaw qrib id-Dar tal-Providenza fis- Siġġiewi, u għal dan il-għan fost oħrajn jistieden lill-Kunsill Lokali tal-Qrendi, lid- Dar tal-Providenza u lill-entitajiet u għaqdiet non-governattivi oħra li għandhom interess sabiex jiffurmaw parti mill-imsemmi grupp ta' azzjoni;

"3. Jirriżolvi illi jitlob laqgħa urġenti mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Roderick Galdes, biex iwassal direttament lilu l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għal dan il-proġett filwaqt li jiddiskuti f'aktar dettal il-proġett kif propost.

"Kopja ta' din il-riżoluzzjoni kif approvata għandha tintbagħat lill-Prim Ministru l-Onor. Dott. Joseph Muscat, lis-Segretarju Parlamentari l-Onor. Roderick Galdes, lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, lill-Membri Parlamentari kollha eletti mid-distrett li minnu jifforma parti s-Siġġiewi kif ukoll ta' dawk id-distretti li minnhom jiffurmaw parti il-lokalitajiet li jmissu mal-konfini tas-Siġġiewi, lill-Kunsill Lokali tal- Qrendi, lid-Direttur tad-Dar tal-Providenza Fr Martin Micallef, lill-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi kif ukoll titwaħħal man-*noticeboard* tal-Kunsill.

Il-mozzjoni kienet issekondata mill-Kunsillier Nicholas Cassar. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 4 t'Awwissu, 2014.**